Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3003

3.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/3003

**tat-2 ta' Diċembru 2024**

**b'appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Ukreni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti ("SALW") u l-munizzjon tagħhom, intitolata "Aktar sigurtà fuq l-armi biex nipproteġu liċ-ċittadini" (l-"Istrateġija tal-UE dwar is-SALW"). l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW torbot lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jassistu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġu identifikati, sfrattati u mwaqqfa networks tat-traffikar u l-armi tan-nar jiġu pprevenuti milli jilħqu terroristi u kriminali permezz tas-suq illeċitu, fost l-oħrajn billi jiġu imblukkati l-finanzjament u t-trasport illeċiti ta' armi u billi jissaħħaħ ir-rwol tal-pulizija tal-fruntieri, l-awtoritajiet doganali u tal-portijiet fl-indirizzar ta' flussi ta' armi illeċiti permezz ta' trasport marittimu.

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 ([1]) b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). Il-Kunsill sussegwentement adotta d-Deċiżjonijiet (PESK) 2022/2276 ([2]), (PESK) 2024/330 ([3]) u (PESK) 2024/1805 ([4]), sabiex il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 jiġi estiż sal-21 ta' Jannar 2025.

(3) Fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2133 ([5]), b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' SALW u munizzjon konvenzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa.

(4) L-isfidi mingħajr preċedent għas-sigurtà li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna minn Frar 2022 żiedu b'mod sinifikanti r-riskju ta' traffikar u proliferazzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna. Dak potenzjalment jippreżenta theddida sinifikanti għas-sigurtà fit-tul kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Ukrajna. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna fuq dik il-kwistjoni għalhekk hija ta' interess reċiproku.

(5) L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 wriet l-effettività tagħha u ssottolinjat il-ħtieġa imperattiva ta' appoġġ kontinwu u estiż.

(6) Fi Frar 2024, l-awtoritajiet Ukreni talbu lill-OSKE biex tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Ukreni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, fl-aspetti kollha tiegħu.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-Isforzi tal-Ukrajna għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 42).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2276 tat-18 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 300, 21.11.2022, p. 42).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/330 tas-16 ta' Jannar 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L, 2024/330, 17.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/330/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1805 tal-24 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L, 2024/1805, 25.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1805/oj).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2133 tat-2 ta' Diċembru 2021 b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u Munizzjon Konvenzjonali (CA) fix-Xlokk tal-Ewropa (ĠU L 432, 3.12.2021, p. 36).

(7) L-Impenji konġunti ta’ sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna tas-27 ta’ Ġunju 2024 jiddikjaraw li:

— l-Unjoni u l-Ukrajna ser jintensifikaw il-ħidma għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni tal-armi tan-nar u tas-SALW, il-munizzjon u splussivi tagħhom;

— l-Unjoni ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna fil-bini ta’ kapaċità robusta għall-monitoraġġ tal-istokkijiet, l-akkwist u l-pussess ta’ armi tan-nar u SALW, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-pussess u t-traffikar illegali tagħhom, u l-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali f’dan il-qasam;

— l-Unjoni ser tappoġġa d-deżinjazzjoni u l-iżvilupp ta’ strutturi adatti, bl-għan li jkun hemm kontroll u rimi effettivi tal-armi tan-nar u s-SALW;

— l-Unjoni u l-Ukrajna ser jesponu u jiġġieldu b’mod attiv il-manipulazzjoni tal-informazzjoni Russa f’dan il-qasam,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-għan ta’ din id-Deċiżjoni huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi, fl-aspetti kollha tiegħu, lejn u mill-Ukrajna.

2. L-objettivi ta’ din id-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet superviżorji tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna, is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna, is-Servizz Doganali tal-Istat tal-Ukrajna u s-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi.

3. L-Unjoni għandha tappoġġa l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2 permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-qafas normattiv u leġiżlattiv rilevanti, inkluż l-appoġġ fl-iżvilupp ta’ Strateġija u Pjan ta’ Azzjoni nazzjonali fir-rigward tal-armi ħfief u ta’ kalibru żgħir;

(b) l-iżvilupp tal-funzjonalità tar-Reġistru Unifikat tal-Armi tal-Ukrajna;

(c) l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet rilevanti permezz tat-taħriġ dwar u l-akkwist ta’ tagħmir u infrastruttura speċjalizzati;

(d) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni nazzjonali bejn l-aġenziji u l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali u l-iskambju ta’ informazzjoni, b’mod partikolari permezz tal-iżvilupp tal-funzjonalità taċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti tagħhom, u l-Munizzjon;

(e) is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali.

4. Il-benefiċjarji ewlenin ta’ din id-Deċiżjoni għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali tal-Ukrajna msemmija fil-paragrafu 2. Awtoritajiet nazzjonali oħra b’mandat għandhom ikunu involuti fuq bażi ta’ każ b’każ fejn neċessarju għall-fini ta’ din id-Deċiżjoni.

5. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mis-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (is-“Segretarjat tal-OSKE”).

3. Is-Segretarjat tal-OSKE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji mas-Segretarjat tal-OSKE.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni, imsemmi fl-Artikolu 1, għandu jkun ta' EUR 5 000 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni xierqa tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 2. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim neċessarju mas-Segretarjat tal-OSKE. Dak il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat tal-OSKE jrid jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti ta' kull sitt xhur imħejjija mis-Segretarjat tal-OSKE.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' din ix-xorta f'dak il-perjodu.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY M.

*ANNESS*

**DOKUMENT TA’ PROĠETT**

**PROGRAMM KOMPRENSIV TAL-OSKE DWAR L-APPOĠĠ GĦALL-ISFORZI TAL-UKRAJNA FIL-ĠLIEDA KONTRA T-TRAFFIKAR ILLEĊITU TA’ ARMI, MUNIZZJON U SPLUSSIVI, FL-ASPETTI KOLLHA TIEGĦU – Fażi II**

1. Sfond

L-isfidi attwali u mingħajr preċedent għas-sigurtà li jirriżultaw mill-gwerra ta’ aggressjoni illegali Russa kontra l-Ukrajna żiedu b’mod sinifikanti r-riskju ta’ traffikar u proliferazzjoni ta’ armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna. Il-kuntest attwali ħalla impatt fuq id-disponibbiltà ta’ riżorsi umani, tekniċi, analitiċi, politiċi u riżorsi oħra disponibbli għall-awtoritajiet Ukreni li għandhom il-mandat li jimplimentaw il-kompiti ta’ kontroll ta’ armi, munizzjon u splussivi.

Il-gwerra wasslet għal bidla fl-ambjent usa’ li huwa korrelatat mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar u l-proliferazzjoni ta’ armi, munizzjon u splussivi. Fis-settur tal-kontroll tal-armi u d-diżarm, il-ħtieġa għal miżuri msaħħa għar-reġistrazzjoni tal-armi u r-responsabbiltà fir-rigward tal-armi, bħar-reġistrazzjoni u l-kontabbiltà xierqa ta’ stokkijiet militari, stokkijiet tal-infurzar tal-liġi, u stokkijiet ċivili ta’ armi, il-kontroll tal-importazzjoni/esportazzjoni, u l-verifiki ta’ wara t-trasportazzjoni fuq trasferimenti ta’ armi u munizzjon lill-awtoritajiet Ukreni, hija inkontestabbli.

Il-gwerra kellha wkoll impatt fuq il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, u affettwat b’mod sinifikanti l-ekonomiji illeċiti u n-networks kriminali reġjonali. Il-ħidma fuq il-front fixklet ir-rotot u ċ-ċentri tat-traffikar, filwaqt li feġġew swieq illeċiti ġodda, inkluż lil hinn mill-fruntiera tal-Ukrajna.

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ukrajna żiedet l-urġenza għal appoġġ u assistenza sostnuti fl-indirizzar tat-theddid tat-traffikar illeċitu ta’ SALW fil-pajjiż u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tar-reġjun.

L-Ukrajna tibqa’ sors ta’ tħassib u sfida importanti fl-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar u l-armi ħfief u ta’ kalibru żgħir (SALW) illeċiti u l-munizzjon tagħhom (“l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW”). L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tiddikjara li “l-instabbiltà attwali fl-Ewropa tal-Lvant żiedet il-livell ta’ traffikar illeċitu ta’ armi tan-nar f’diversi pajjiżi fir-reġjun, bħall-Ukrajna. Dan jippreżenta theddida sinifikanti għas-sigurtà fit-tul kemm għall-Ukrajna kif ukoll għall-UE. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna fuq din il-kwistjoni għalhekk hija ta’ interess reċiproku. L-UE qiegħda tkompli bl-impenn bilaterali tagħha mal-Ukrajna u pajjiżi oħra fir-reġjun u b’mod sistematiku tintegra l-ġlieda kontra SALW illeċiti fi kwalunkwe djalogu dwar kwistjonijiet ta’ sigurtà ma’ pajjiżi sħab fil-viċinat.”.

Għalhekk, b’referenza għall-Viċinat tal-Lvant b’mod ġenerali u l-Ukrajna b’mod partikolari l-istrateġija tal-UE dwar is-SALW tippreżenta l-azzjonijiet li ġejjin:

“— L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintegraw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar/SALW fil-kuntest tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta’ sigurtà ma’ pajjiżi msieħba fil-viċinat, bħall-Ukrajna;

— L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jistabbilixxu kanali ta’ komunikazzjoni bejn esperti tal-UE u Ukreni, jidentifikaw punt ta’ kuntatt sabiex jiżguraw kooperazzjoni bla xkiel, iżidu l-għarfien, jaqsmu l-aħjar prattiki u l-għarfien espert, u jidentifikaw ħtiġijiet ta’ taħriġ u miżuri ta’ appoġġ oħra biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-Ukrajna fil-qasam; u

— L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jaħdmu fuq diskussjoni permanenti teknika madwar mejda mal-Ukrajna biex jindirizzaw il-problema urġenti tat-traffikar illeċitu ta’ armi tan-nar u r-riskji assoċjati mal-possibbiltà li tali armi jiġu f’idejn terroristi u gruppi ta’ kriminalità organizzata.”.

Il-pjan ta’ azzjoni 2020-2025 tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar fih, fost prijoritajiet oħra, il-Prijorità 4: it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, b’mod partikolari, bejn l-UE u s-sħab mhux tal-UE meta jitqies ir-riskju għoli tat-traffikar tal-armi tan-nar fix-Xlokk tal-Ewropa (li tinftiehem bħala li tkopri sħab mhux tal-UE tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna u l-Moldova), l-ispeċifiċitajiet marbuta mal-kuntest ġeopolitiku tagħha, l-għadd għoli u t-tip ta’ atturi nazzjonali u internazzjonali involuti, u l-instabbiltà attwali fl-Ewropa tal-Lvant. Il-Pjan ta’ Azzjoni jissottolinja wkoll il-ħtieġa li l-Ukrajna u l-Moldova jiġu involuti f’qafas koerenti usa’ kontra theddid komuni kkawżat mit-traffikar illeċitu tal-armi

tan-nar fir-reġjun kollu. Dan iwieġeb ukoll għas-sejħa tal-Kunsill biex l-Ukrajna tiġi involuta fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali rilevanti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Fir-rigward tal-Ukrajna, il-Pjan ta' Azzjoni jqis l-appoġġ tal-UE għall-isforzi tal-Ukrajna biex tiġġieled it-traffikar illeċitu tal-armi, tal-munizzjon u tal-isplussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE u s-SEEAC.

Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 "b'appoġġ għall-Isforzi tal-Ukrajna għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE" – imfassla bħala l-Fażi I. Minkejja l-gwerra persistenti fl-Ukrajna, saru kisbiet notevoli lejn l-eżiti antiċipati, iffaċilitati mill-intervent ta' proġett immexxi mill-OSKE. Il-partijiet ikkonċernati Ukreni tejbu l-kapaċitajiet tagħhom f'diversi oqsma kritiċi (inkluż l-analiżi tar-riskju u tal-kriminalità, it-tekniki ta' detezzjoni u ta' investigazzjoni, il-miżuri leġiżlattivi, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, il-ħiliet tal-unitajiet tal-klieb u tat-tneħħija ta' mezzi splussivi, u kemm il-koordinazzjoni kif ukoll il-kollaborazzjoni internazzjonali) fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi. L-intervent tal-proġett fl-Ukrajna, bħala parti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 sussegwentement estiż (mingħajr spejjeż) sa Jannar 2025, wera l-effettività tiegħu u ssottolinja l-ħtieġa imperattiva għal appoġġ kontinwu u estiż. Is-sitwazzjoni prevalenti tas-sigurtà fl-Ukrajna tissottolinja l-ħtieġa kritika għal assistenza sostnuta, filwaqt li tenfasizza s-sinifikat tal-proġett fil-ġlieda kontra t-theddid ippreżentat mit-traffikar illeċitu ta' SALW fil-pajjiż u fir-rispons għar-rekwiżiti dinamiċi tar-reġjun.

L-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, bid-data tas-27 ta' Ġunju 2024, enfasizzaw li l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ser jintensifikaw il-ħidma biex jipprevjenu u jiġġieldu d-devjazzjoni tal-armi tan-nar u armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), il-munizzjon tagħhom u l-isplussivi. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna fil-bini ta' kapaċità robusta għall-monitoraġġ tal-istokkijiet, l-akkwist u l-pussess ta' armi tan-nar u SALW, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-pussess u t-traffikar illegali tagħhom, u l-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali f'dan il-qasam. L-UE ser tappoġġa t-tfassil u l-iżvilupp ta' strutturi adatti, bl-għan li jkun hemm kontroll u rimi effettivi tal-armi tan-nar u s-SALW.

Minħabba l-isfidi prevalenti u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ukrajna, fil-bidu tal-2024, il-benefiċjarji rispettivi tal-proġett – il-Ministeru għall-Affarijiet Interni (MIA), il-Pulizija Nazzjonali (NPU), is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat (SBGS), is-Servizz Doganali tal-Istat (SCS), u s-Servizz tas-Sigurtà tal-Istat tal-Ukrajna (SSU) – ippreżentaw talbiet uffiċjali għat-tkomplija tal-assistenza mill-OSKE.

B'rispons għal din it-talba, f'Marzu – Ġunju 2024 l-OSKE wettqet "Il-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet b'Appoġġ għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet tal-Awtoritajiet Ukreni fil-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi, Munizzjon u Splussivi fl-Aspetti Kollha Tiegħu" (minn hawn 'il quddiem, il-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet), eżerċizzju komprensiv li identifika b'mod ċar il-lakuni u l-isfidi kritiċi li jiffaċċjaw il-komunitajiet fil-mira, inkluż it-theddid tat-traffikar illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). Dan kompla jiġġustifika l-ħtieġa għat-tkomplija u l-espansjoni tal-assistenza korrispondenti. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà fl-Ukrajna żiedet l-urġenza għal assistenza sostnuta, b'mod li jenfasizza l-importanza ta' dan l-appoġġ fl-indirizzar tat-theddid tat-traffikar illeċitu ta' SALW fil-pajjiż kif ukoll tal-ħtiġijiet li qed jevolvu tar-reġjun.

2. Objettiv ġenerali

Li l-awtoritajiet Ukreni jiġu assistiti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu.

3. Deskrizzjoni tal-Azzjoni

L-azzjoni hija bbażata fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjoni esterna tal-intervent attwali tal-proġett tal-OSKE fl-Ukrajna, u tal-"Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet b'appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Ukreni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu" tas-Segretarjat tal-OSKE. Il-valutazzjoni enfasizzat li approċċ ta' gvern sħiħ u kooperazzjoni internazzjonali huma kruċjali biex il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod effiċjenti, effettiv, u b'impatt sinifikanti.

Għaldaqstant, l-OSKE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni, żviluppat proġett li jindirizza diversi aspetti tal-mandati tagħhom relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu bil-ħsieb li jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà ġenerali fl-Ukrajna. Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tipprovdi finanzjament ewlieni għal dan il-proġett; barra minn hekk, l-OSKE tikkoordina kontribuzzjonijiet finanzjarji u in natura ta' donaturi

internazzjonali oħrajn, li ser ikomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' dan il-proġett. Dawn l-azzjonijiet ser ikunu korrelatati u kkoordinati ma' attivitajiet oħra fir-reġjun, bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2133 b'appoġġ għall-programm komprensiv dwar l-appoġġ għall-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u Munizzjon Konvenzjonali (CA) fix-Xlokk tal-Ewropa.

Dan l-intervent ta' proġett pluriennali propost għandu l-għan li jkompli jassisti lill-awtoritajiet tal-Gvern tal-Ukrajna – il-Ministeru għall-Affarijiet Interni (MIA), il-Pulizija Nazzjonali (NPU), is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat (SBGS), is-Servizz Doganali tal-Istat (SCS) u s-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna (SSU) – fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu.

Dawn il-proċessi vverifikaw it-talbiet għal assistenza u kkonfermaw il-ħtiġijiet għal appoġġ mill-OSKE, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet b'mandat fi:

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet superviżorji tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi permezz tat-titjib tal-funzjonalità tar-"Reġistru Unifikat tal-Armi", it-titjib tal-mekkaniżmi leġiżlattivi, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-aġenziji u l-kooperazzjoni internazzjonali;

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Servizz Doganali tal-Istat tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

4. Riżultati mistennija

4.1 **Riżultat 1:** Jitjiebu l-kapaċitajiet superviżorji tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Ukrajna (MIA) huwa wieħed mill-awtoritajiet nazzjonali ewlenin fl-Ukrajna li mhux biss jifformula l-politika tal-istat u jirregola u jikkontrolla l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi, iżda wkoll jeżegwixxi miżuri operazzjonali – direttament jew permezz tal-aġenziji subordinati tiegħu – kif ukoll miżuri ta' koordinazzjoni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu.

Dan ir-riżultat għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità superviżorja tal-MIA għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi. Dan jinkludi l-promozzjoni u t-trasferiment ta' standards internazzjonali u prattiki tajba għall-kontroll tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta' rekords ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna, l-appoġġ għat-titjib tal-mekkaniżmi leġiżlattivi għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-kontroll tal-armi, munizzjon u splussivi. L-ambitu tal-attivitajiet taħt dan ir-riżultat ser itejjeb ir-rwol tal-MIA biex jippermetti u jiffaċilita l-koordinazzjoni bejn l-aġenziji fl-Ukrajna, il-kooperazzjoni ma' atturi internazzjonali, u l-appoġġ għal approċċi strateġiċi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu.

4.1.1. Attivitajiet

4.1.1.1 Promozzjoni u trasferiment ta' standards internazzjonali u prattiki tajba għall-kontroll tal-manifattura, l-immarkar u ż-żamma ta' rekords ta' armi, munizzjon u splussivi fl-Ukrajna

L-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'fora internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' koordinazzjoni;

— L-għoti ta' tagħmir tekniku u software għall-modernizzazzjoni u t-titjib tal-funzjonalità tar-"Reġistru Unifikat tal-Armi" (URW) billi jittejjeb u jiżdied l-użu tal-"URW";

— L-għoti ta' tagħmir tekniku u software għat-titjib u l-espansjoni tal-użu tas-Sistema awtomatizzata ta' Identifikazzjoni Ballistika (BIS) u tal-integrabbiltà tagħha mas-sistemi tal-UE;

— L-għoti ta' appoġġ legali u taħriġ għat-titjib u l-espansjoni tal-użu tal-"URW" u s-sistema awtomatizzata ta' identifikazzjoni ballistika.

4.1.1.2 Appoġġ għat-titjib tal-mekkaniżmi leġiżlattivi għar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi u l-implimentazzjoni relatata kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' armi, munizzjon u splussivi

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba fi sħubija mal-MIA permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'fora internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' studju għal-leġiżlaturi, dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin tal-awtoritajiet tal-gvern tal-Ukrajna dwar kwistjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni u l-kontroll taċ-ċirkolazzjoni u l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi u s-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-kontroll ta' armi, munizzjon u splussivi;

— L-implimentazzjoni ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika u studji dwar l-attitudni fil-pajjiż kollu rigward aspetti differenti tal-kontroll ta' armi, munizzjon u splussivi;

— L-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u ta' komunikazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' armi, munizzjon u splussivi, u analiżi tal-impatt;

— Is-Sensibilizzazzjoni dwar Kwistjonijiet tal-Ġeneru biex jiġi promoss u mħeġġeġ fehim ġenerali tal-isfidi relatati mal-ġeneru fil-kuntesti tal-kontroll ta' armi, munizzjon u splussivi.

4.1.1.3 Tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-aġenziji u tal-kooperazzjoni internazzjonali u appoġġ għal approċċi strateġiċi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'fora internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' studju għal dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin dwar l-operat taċ-ċentri ta' koordinazzjoni għall-kontroll ta' armi, munizzjon u splussivi;

— L-għoti ta' assistenza teknika u taħriġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali u analitiċi taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar Illeċitu tal-Armi tan-Nar u l-Partijiet, il-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom;

— Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fi ħdan il-MATRIX tas-sħab internazzjonali b'appoġġ għall-isforzi ta' kontroll ta' SALW fl-Ukrajna. L-organizzazzjoni ta' konferenzi nazzjonali annwali dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi u dwar sfidi fil-qasam tal-armi, munizzjon u splussivi;

— L-appoġġ għall-iżvilupp tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni nazzjonali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

4.1.1.4 Faċilitazzjoni tal-governanza u koordinazzjoni tal-proġetti

Din l-attività ser tinkludi:

— L-organizzazzjoni ta' laqgħat biannwali regolari tal-bordijiet ta' governanza u tal-grupp ta' tmexxija tal-Proġett.

4.2 **Riżultat 2:** Jitjiebu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

Il-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna (NPU) għandha rwol kruċjali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi fl-aspetti kollha tiegħu fil-kuntesti tas-sigurtà nazzjonali, is-sikurezza pubblika, u l-istat tad-dritt fil-pajjiż, inkluż permezz tal-istrateġiji u l-kollaborazzjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali.

Ir-riżultat ser jinkiseb permezz ta' sett komprensiv ta' attivitajiet tal-proġett, implimentati f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-NPU. Dan l-approċċ kollaborattiv għandu l-għan li jindirizza l-kumplessitajiet u l-isfidi eżistenti ffaċċjati mill-unitajiet tat-Tneħħija ta' Mezzi Splussivi (EOD), tal-klieb (K9), tal-Investigazzjoni Kriminali (CI), u tal-Kontroll tal-Armi (WC) fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kuljum kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi. Il-proġett ser jiffoka fuq it-tisħiħ tat-taħriġ, il-kapaċitajiet tekniċi, u l-effiċjenza operazzjonali ta' dawn l-unitajiet speċjalizzati. Dan ser jinvolvi programmi ta' bini tal-kapaċità, titjib teknoloġiku, ottimizzazzjoni operattiva, żvilupp ta' proċeduri operattivi standard, u tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji.

4.2.1. Attivitajiet

4.2.1.1 Għoti ta' appoġġ konsultattiv, tagħmir tekniku u edukattiv lis-Servizz tat-Tneħħija ta' Mezzi Splussivi (EOD)

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' studju għal dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin mid-Dipartiment tal-EOD

— L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' taħriġ fil-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti permezz tal-akkwist ta' klassijiet tal-IT u żvilupp ieħor ta' infrastruttura edukattiva

— Organizzazzjoni ta' Taħriġ għall-Ħarrieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-ħarrieġa tal-NPU tad-Dipartiment tal-EOD fid-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti

— It-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tad-Dipartiment tal-EOD fil-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti permezz tal-għoti ta' appoġġ espert u konsultattiv, kif ukoll tagħmir tekniku

4.2.1.2. Promozzjoni ta' prattiki tajba, trasferiment tal-għarfien u -assistenza b'rabta ma' tagħmir għall-Unitajiet tal-Investigazzjoni Kriminali (CIU) fl-investigazzjoni tat-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' studju għal dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin mis-CIU

— L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' taħriġ fil-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti permezz tal-akkwist ta' klassijiet tal-IT u infrastruttura oħra ta' taħriġ, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' Taħriġ għall-Ħarrieġa għall-uffiċjali tas-CIU fi ħdan l-NPU

— It-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali tas-CIU fil-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti permezz tat-tagħmir tal-punti ta' kontroll temporanji u l-gruppi mobbli u analitiċi

4.2.1.3. Promozzjoni ta' prattiki tajba, trasferiment tal-għarfien u assistenza b'rabta ma' tagħmir għas-servizz K9 tal-NPU għad-detezzjoni tat-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba permezz ta' konsultazzjonijiet ta' esperti, parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta' studju għal dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin mis-servizz K9 tal-NPU

— Rieżami u aġġornament ta' metodoloġiji ta' taħriġ u SOPs relatati mal-K9 fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' WAE skont l-aħjar metodi u tattiċi internazzjonali ta' taħriġ tal-klieb

— Organizzazzjoni ta' Taħriġ għall-Ħarrieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-ħarrieġa tas-servizz K9 tal-NPU fid-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti

— Akkwist ta' tagħmir tekniku għall-ħtiġijiet tas-servizz K9 fil-qasam tad-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi illeċiti

4.2.1.4. Promozzjoni ta’ prattiki tajba, trasferiment tal-għarfien u għoti ta’ assistenza b’rabta ma’ tagħmir għall-Unitajiet tal-Kontroll tal-Armi (WCU) fit-traċċar u ż-żamma ta’ rekords ta’ armi u munizzjon

Din l-attività ser tinkludi:

— Il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta’ esperjenzi u prattiki tajba permezz ta’ konsultazzjonijiet ta’ esperti, parteċipazzjoni f’avvenimenti internazzjonali dwar is-suġġett u żjarat ta’ studju għal dawk li jfasslu l-politika u esperti ewlenin mill-Unità tal-Kontroll tal-Armi (WCU) tal-NPU

— Attivitajiet ta’ komunikazzjoni u ta’ sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar ir-riskji relatati mal-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta’ armi, munizzjon u splussivi

— L-għoti ta’ tagħmir tekniku biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-uffiċjali tad-WCU fi ħdan l-NPU biex id-dipartimenti reġjonali tal-NPU jużaw il-URW b’mod effettiv m

4.3 **Riżultat 3:** Jitjiebu l-Kapaċitajiet tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi

4.3.1. Attivitajiet

4.3.1.1. L-għoti ta’ taħriġ komprensiv u trasferiment tal-għarfien fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi għall-persunal tal-SBGS

Din l-attività ser tinkludi:

— Programmi ta’ skambju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-esperti tal-SBGS fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi

— L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta’ taħriġ speċjalizzat dwar il-ġlieda kontra t-traffikar transfruntier ta’ armi, munizzjon u splussivi għall-uffiċjali tal-kontroll fuq il-fruntiera tal-SBGS

— L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta’ taħriġ speċjalizzat dwar il-ġlieda kontra t-traffikar transfruntier ta’ armi, munizzjon u splussivi għall-uffiċjali analitiċi tal-SBGS

— L-organizzazzjoni ta’ roundtable/workshop nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi.

4.3.1.2. L-għoti ta’ tagħmir u assistenza teknoloġika fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi lill-SBGS tal-Ukrajna

Din l-attività ser tinkludi:

— L-għoti ta’ tagħmir tekniku lill-SBGS tal-unitajiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera u ċ-ċentri ta’ taħriġ tal-Ukrajna

— L-għoti ta’ tagħmir tekniku u teknoloġiji lill-unitajiet analitiċi u ta’ tiftix operattivi tal-SBGS.

4.3.1.3. L-għoti ta’ assistenza tal-klieb fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi għall-SBGS tal-Ukrajna

Din l-attività ser tinkludi:

— Programm ta’ skambju/żjara ta’ studju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-unità tal-klieb

— Rieżami u aġġornament ta’ metodoloġiji ta’ taħriġ, proċeduri operazzjonali u tattiċi tal-użu fil-qasam tal-klieb permezz ta’ programm ta’ mentoraġġ espert

— L-għoti ta’ tagħmir u materjal ta’ taħriġ lis-servizz tal-klieb tal-SBGS biex jiġu appoġġati t-taħriġ u l-operazzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta’ armi, munizzjon u splussivi

— It-titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ tal-klieb fiċ-ċentru tat-taħriġ tal-klieb tal-SBGS.

4.4 **Riżultat 4:** Jitjiebu l-kapaċitajiet tas-Servizz Doganali tal-Istat tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

4.4.1. Attivitajiet

4.4.1.1. L-għoti ta' taħriġ komprensiv u trasferiment tal-għarfien fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi għall-persunal tal-SCS

Din l-attività ser tinkludi:

— Programmi ta' skambju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-esperti tal-SBGS fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

— L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' taħriġ speċjalizzat dwar il-ġlieda kontra t-traffikar transfruntier ta' armi, munizzjon u splussivi għall-persunal tal-SCS

— L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-modulu tat-Taħriġ għall-Ħarrieġa speċjalizzat dwar il-ġlieda kontra t-traffikar transfruntier ta' armi, munizzjon u splussivi għall-SCS

— L-organizzazzjoni ta' roundtable/workshop nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

4.4.1.2. L-għoti ta' tagħmir u assistenza teknoloġika fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi lill-SCS tal-Ukrajna

Din l-attività ser tinkludi:

— L-għoti ta' tagħmir tekniku u teknoloġiji lill-SCS tal-Ukrajna

4.4.1.3. L-għoti ta' assistenza tal-klieb fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi lill-SCS tal-Ukrajna

Din l-attività ser tinkludi:

— Programm ta' skambju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-unità tal-klieb

— Rieżami u aġġornament ta' metodoloġiji ta' taħriġ, proċeduri operazzjonali u tattiċi tal-użu fil-qasam tal-klieb permezz ta' programm ta' mentoraġġ espert

— L-għoti ta' tagħmir u materjal ta' taħriġ għas-servizz tal-klieb tal-SCS biex jiġu appoġġati t-taħriġ u l-operazzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

— It-titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ tal-klieb fiċ-ċentru tat-taħriġ tal-klieb tal-SCS

4.5 **Riżultat 5:** Jitjiebu l-kapaċitajiet tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Istat tal-Ukrajna fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

4.5.1. Attivitajiet

4.5.1.1. L-għoti ta' taħriġ komprensiv u trasferiment tal-għarfien fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi għall-persunal tal-SSU

Din l-attività ser tinkludi:

— Programmi ta' skambju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-esperti tal-SSU fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

— L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' taħriġ speċjalizzat dwar l-investigazzjonijiet relatati mal-armi, munizzjon u splussivi għall-persunal tal-SSU

— L-organizzazzjoni ta' roundtable/workshop nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

4.5.1.2. L-għoti ta' tagħmir u assistenza teknoloġika fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi lill-SSU

Din l-attività ser tinkludi:

— L-għoti ta' tagħmir tekniku u teknoloġiji lill-SSU tal-Ukrajna

4.5.1.3. L-għoti ta' assistenza tal-klieb fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi lill-SSU

Din l-attività ser tinkludi:

— Programm ta' skambju/żjara ta' studju għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-unità tal-klieb

— Rieżami u aġġornament ta' metodoloġiji ta' taħriġ tal-klieb u tattiċi tal-użu fid-detezzjoni ta' armi, munizzjon u splussivi

— L-għoti ta' tagħmir lis-servizz tal-klieb tal-SSU biex jiġu appoġġati t-taħriġ u l-operazzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

5. Ġestjoni ta' proġetti u appoġġ amministrattiv għall-implimentazzjoni tal-azzjoni

L-istruttura organizzattiva għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti ser tkun inkorporata minn Tim għall-Implimentazzjoni tal-Proġett (PIT), li jopera taħt l-awspiċi taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti/l-Unità ta' Appoġġ tal-Forum għal Kooperazzjoni fis-Sigurtà tal-OSKE (CPC/FSC SU), bi preżenza fi Vjenna u Kiev.

L-effettività tal-PIT ser tiżdied permezz tal-integrazzjoni ta' komponenti ta' appoġġ speċjalizzati fl-akkwist u fil-ġestjoni tal-assi/tal-ivvjaġġar. Dawn il-komponenti ser ikunu integrati sew fid-diviżjonijiet adatti tas-Segretarjat tal-OSKE, speċifikament id-Dipartimenti tal-Ġestjoni u l-Finanzi. Din l-istruttura hija mfassla biex issaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali tal-proġett u l-kapaċità tiegħu li jikseb l-objettivi tiegħu, filwaqt li tiżgura approċċ koeżiv u komprensiv għall-ġestjoni tal-proġetti fil-qafas tal-mandati operazzjonali tal-OSKE.

Il-persunal dedikat tal-proġett ser iwettaq il-kompiti li ġejjin:

— il-ġestjoni ta' proġetti tul il-passi kollha taċ-ċiklu tal-proġett,

— it-twettiq ta' sorveljanza finanzjarja ta' kuljum tal-proġetti,

— l-għoti ta' għarfien espert tekniku u legali, l-appoġġ għall-akkwisti ta' proġetti,

— l-involviment ta' organizzazzjonijiet u programmi internazzjonali oħra u l-koordinazzjoni magħhom,

— it-twettiq ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità tar-riżultati tanġibbli tal-proġetti approvati,

— appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni fl-iżvilupp ta' miżuri nazzjonali ġodda biex jissaħħu l-kapaċitajiet u l-isforzi kollettivi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi.

6. Ġeneru

Sabiex tiżdied l-effettività tal-politiki dwar il-kontroll ta' armi, munizzjon u splussivi u biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom ittejjeb is-sigurtà kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, il-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi ser tiġi integrata fl-azzjonijiet appoġġati minn din id-deċiżjoni u ser tiġi indirizzata permezz ta' pariri u għarfien espert tekniċi, l-iżvilupp ta' prodotti ta' għarfien u taħriġ. Barra minn hekk, il-proġett għandu l-pjan li jinkorpora l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fis-sigurtà komprensiva, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li jitqiesu d-dimensjonijiet tal-ġeneru fl-attivitajiet tiegħu.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u/jew it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa huma inklużi fir-riżultat 2 taħt l-attività 2.2. dwar "Is-Sensibilizzazzjoni dwar Kwistjonijiet tal-Ġeneru biex jiġi promoss u mħeġġeġ fehim ġenerali tal-isfidi relatati mal-ġeneru fil-kuntesti ta' kontroll ta' WAE" li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tal-proġett billi tintegra perspettiva tal-ġeneru u tindirizza l-isfidi u l-impatti speċifiċi li n-normi u r-rwoli tal-ġeneru għandhom fuq il-kontroll tal-armi u l-munizzjon. Barra minn hekk, il-proġett jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ugwali

tan-nisa fil-programm, filwaqt li jiżgura li leħinhom u l-perspettivi tagħhom ikunu rappreżentati, u li jissaħħu l-kapaċitajiet ma' impjegati taż-żewġ ġeneri.

7. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji diretti tal-azzjoni ser ikunu l-awtoritajiet nazzjonali tal-Ukrajna responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi. L-awtoritajiet nazzjonali mmirati primarjament huma: l-MIA, inkluż is-servizzi esperti u tal-ħruġ ta' liċenzji tiegħu, l-NPU, l-SBGS, l-SCS u l-SSU. Il-benefiċjarji jistgħu jitolbu li jiġu inklużi riċevituri addizzjonali b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett li għandhom jiġu kkonfermati mid-donatur(i) u l-implimentatur l-FSC SU. L-MIA, l-NPU, l-SBGS, l-SCS u l-SSU huma previsti li jkunu involuti fil-governanza tal-proġett bħala membri tal-bord ta' tmexxija fil-kapaċità ta' benefiċjarju/rappreżentant tal-klijent tal-proġett.

Il-benefiċjarji indiretti tal-azzjoni ser ikunu l-popolazzjonijiet fl-Ukrajna u fil-viċinat Ewropew tagħha li huma f'riskju minħabba l-użu ta' armi, munizzjon u splussivi illeċitI f'attivitajiet kriminali, it-terroriżmu u l-użu ħażin vjolenti.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikunu wkoll benefiċjarji indiretti tal-proġett peress li ser jibbenefikaw mill-feedback tal-awtoritajiet Ukreni dwar ir-rotot ta' traffikar identifikati ta' armi illeċiti,

8. Viżibbiltà tal-Unjoni

L-OSKE għandha tieħu l-miżuri adatti kollha biex tirreklama l-fatt li l-azzjoni ġiet iffinanzjata mill-Unjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, l-OSKE ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-Unjoni permezz tal-marka tal-UE u pubbliċità adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-Deċiżjoni kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott bil-proġett ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u l-karattru, ser tintuża firxa ta' għodod promozzjonali, inkluż: media tradizzjonali; siti web; media soċjali; u materjali informattivi u promozzjonali, inkluż infografika, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u oħrajn, kif adattat. Pubblikazzjonijiet, avvenimenti pubbliċi, kampanji, tagħmir u xogħlijiet ta' kostruzzjoni akkwistati taħt il-proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq. Biex jiġi amplifikat aktar l-impatt permezz tas-sensibilizzazzjoni fost diversi gvernijiet nazzjonali u l-pubbliku, il-komunità internazzjonali u l-media lokali u internazzjonali, kull wieħed mill-gruppi fil-mira tal-proġett ser jiġi indirizzat permezz tal-lingwa adatta. Barra minn hekk, ser jitfasslu attivitajiet speċjali possibbli bħal intervisti mal-media u vjaġġi fuq il-post tal-komunità tad-donaturi. Ser jiġu żviluppati/prodotti u użati gallerija tar-ritratti u films qosra dwar l-attivitajiet tal-proġett f'miżuri ta' viżibbiltà eżegwiti mill-OSKE.

9. Tul ta' żmien

Abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009, u b'kont meħud tal-ambitu wiesa' tal-azzjoni, l-għadd ta' benefiċjarji u l-għadd u l-kumplessità tal-attivitajiet ippjanati, il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni huwa 36 xahar.

10. Entità tal-implimentazzjoni teknika

L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni ser tiġi fdata lis-Segretarjat tal-OSKE/iċ-Ċentru għall-Prevenzjoni ta' Kunflitti (CPC). L-OSKE ser timplimenta l-attivitajiet taħt din id-Deċiżjoni f'koordinazzjoni u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u aġenziji internazzjonali oħra, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati sinerġiji effettivi u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet.

11. Kumitat ta' Tmexxija

Il-Kumitat ta' Tmexxija għal dan il-proġett ser ikun magħmul minn rappreżentanti tar-Rappreżentant Għoli, mid-Delegazzjoni tal-UE f'Kiev u mill-entità ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Anness. L-entità ta' implimentazzjoni, megħjuna mill-Kumitat ta' Tmexxija, ser tiżgura li l-implimentazzjoni tal-proġett isseħħ f'koordinazzjoni ma' assistenza relatata oħra tal-UE lill-Ukrajna, bħall-Istrateġija għal Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (appoġġata mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat tal-Kummissjoni), l-Istrateġija għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kooperazzjoni reġjonali mal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-kontroll tas-SALW implimentat mill-UNDP/SEESAC

(appoġġata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2019/2111 [1] u (PESK) 2022/2321 [2]), il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna b'rabta mal-infurzar tal-liġi fil-qasam tat-traffikar tal-armi tan-nar (appoġġata mid-DG HOME tal-Kummissjoni, il-Europol u EMPACT-Armi tan-nar), il-ħidma ta' Conflict Armament Research fl-Ukrajna (appoġġata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/387 [3]), il-missjonijiet ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE EUAM Ukraine u EUBAM Moldova-Ukraine u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom għall-kontroll tal-fruntieri, u l-ħidma tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) dwar id-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni tal-ex-ġellieda (appoġġata mill-Istrument tal-Kummissjoni għall-Istabbiltà u l-Paċi). Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jistieden fuq bażi regolari rappreżentant tas-sħab governattivi tal-Ukrajna. Il-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistieden ukoll rappreżentanti ta' entitajiet involuti fi proġetti fl-Ukrajna li għandhom objettiv simili jew relatat. Il-Kumitat ta' Tmexxija ser jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment, mill-anqas darba kull sitt xhur, inkluż bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

---

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2111 tad-9 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa li jnaqqsu t-theddida ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 147).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2321 tal-25 ta' Novembru 2022 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent u b'appoġġ għall-attivitajiet ta' diżarm u kontroll tal-armi fix-Xlokk u l-Lvant tal-Ewropa (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 149).

(3) Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/387 tal-20 ta' Frar 2023 b'appoġġ għal mekkaniżmu ta' rappurtar globali dwar armi konvenzjonali illeċiti u l-munizzjon tagħhom biex jitnaqqas ir-riskju ta' devjazzjoni u trasferiment illeċitu tagħhom ("iTrace V") (ĠU L 73, 10.3.2023, p. 67).